31997R0996

4.6.1997 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 144/6

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KE) Nru 996/97
tat-3 ta' Ġunju 1997
dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa ta' importazzjoni għal falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0206 29 91

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet elenkati fl-Iskeda CXL magħmul fid-dawl tal-konklużjonijiet tat-Taqsima XXIV.6 tan-negozjati tal-GATT [1], u partikolarment l-Artikolu 1(1) tagħha,

Billi, sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' l-Iskeda CXL, il-Komunità ftiehmet li tiftaħ kwota ta' tariffa annwali ta' 1 500 tunnellata ta' falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0206 29 91; billi dik il-kwota għandha tkun miftuħa fuq bażi multiannwali għal perijodi ta' 12-il xahar li jibdew mill-1 ta' Lulju u r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni preskritti;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 [2], kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 495/97 [3], jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzi ta' importazzjoni u esportazzjoni u ċertifikati ta' iffissar minn qabel għal prodotti agrikoli; billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1445/95 [4], kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 266/97 [5], jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti għall-liċenzi ta' importazzjoni taċ-ċanga u l-vitella;

Billi, sabiex tiġi assigurata l-amministrazzjoni effiċjenti ta' l-importazzjoni ta' laħam li joriġina fi u li jiġi mill-Arġentina, dak il-pajjiż huwa mitlub joħroġ ċertifikati ta' awtentiċità li jiggarantixxu l-oriġini tal-prodotti kkonċernati; billi l-forma ta' dawk iċ-ċertifikati u l-proċeduri għall-użu tagħhom għandhom ikunu speċifikati;

Billi, sabiex tiġi assigurata l-amministrazzjoni effiċjenti ta' l-importazzjoni ta' falda rqiqa ffriżata li joriġina u jiġi mill-Arġentina, għandu jiġi stabbilit li, fejn ikun xieraq, il-ħruġ tal-liċenzi ta' importazzjoni ikunu soġġetti għall-verifika, fost affarijiet oħra, ta' l-informazzjoni mogħtija fuq iċ-ċertifikati ta' awtentiċità;

Billi, għal pajjiżi oħra, il-kwota imissha tkun immaniġġjata biss fuq bażi ta' liċenzji ta' importazzjoni tal-Komunità, b'derogi f'ċerti każijiet mir-regoli applikabbli;

Billi l-esperjenza turi li l-importaturi mhux dejjem jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti li ħarġu l-liċenzi ta' importazzjoni bil-kwantità u l-oriġini taċ-ċanga u l-vitella importati taħt il-kwota kkonċernata; billi dik l-informazzjoni hija importanti sabiex issir stima tas-sitwazzjoni fis-suq; billi imissha ssir dispożizzjoni dwar is-sigurtà inerenti ma' l-osservanza ta' dak l-obbligu;

Billi għandhom isiru dispożizzjonijiet għall-Istati Membri sabiex jgħaddu l-informazzjoni dwar l-importazzjonijiet kkonċernati;

Billi l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għall-Laħam taċ-Canga u l-Vitella,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Kwota ta' tariffa tal-Komunità għal falda rqiqa ffriżata ta' annimali bovini li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0206 29 91 hija hawnhekk miftuħa fuq bażi multiannwali għal volum annwali ta' 1 500 tunnellata għall-perijodi mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara, minn issa 'l quddiem imsejjħa "is-sena ta' importazzjoni".

In-numru ta' serje tal-kwota għandu jkun 09.4020.

2. Id-dazju *ad valorem* fuq il-kwota msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun ta' 4 %.

3. Il-kwota annwali għandha tiġi allokata skond kif ġej:

(a) 700 tunnellata li joriġinaw fi u jiġu mill-Arġentina;

(b) 800 tunnellata li joriġinaw fi u jiġu minn pajjiżi terzi oħra;

4. Falda rqiqa shiħa biss tista' tiġi importata taħt il-kwota.

5. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, falda rqiqa li tkun iffriżata, b'temperatura interna mhux aktar minn – 12 °C meta tidħol fit-territorju tad-dwana tal-Komunità, għandha titqies li hi falda rqiqa ffriżata.

---

[1] ĠU L 146, ta' l-20.6.1996, p. 1.
[2] ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
[3] ĠU L 77, tad-19.3.1997, p. 12.
[4] ĠU L 143, tas-27.6.1995, p. 35.
[5] ĠU L 45, tal-15.2.1997, p. 1.

Artikolu 2

1. L-importazzjoni ta' kwantitajiet ta' laħam imsemmija fl-Artikolu 1(3) għandha tkun soġġetta għall-preżentazzjoni ta' liċenza ta' importazzjoni.

2. Il-validità tal-liċenzi ta' importazzjoni għandha tiskadi fit-30 ta' Ġunju wara d-data tal-ħruġ.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikat ta' awtenticità maħruġ mill-Arġentina għandu jsir f'oriġinal u mill-inqas kopja waħda fuq formola korrispondenti mal-kampjun fl-Anness I.

Il-formola għandha tkejjel bejn wieħed u ieħor 210 × 297 millimetri. Il-karta għandha tiżen mhux inqas minn 40 gramma għal kull metru kwadru.

2. Il-formoli għandhom jiġu stampati u kompletati f'wieħed millilsna uffiċċjali tal-Komunità kif ukoll, jekk hekk mixtieq, fl-ilsien uffiċjali ta' l-Arġentina.

3. Kull ċertifikat ta' awtenticità għandu jkollu numru ta' serje individwali assenjat mill-awtorità li toħorġu msemmija fl-Anness II (minn hawn 'il quddiem "l-awtorità tal-ħruġ"). Il-kopji għandu jkollhom l-istess numru ta' serje bħall-oriġinal.

Artikolu 4

1. Ċertifikati ta' awtenticità għandhom ikunu validi biss jekk huma debitament kompletati u ffirmati, skond l-istruzzjonijiet mogħtija fl-Anness I, mill-awtorità tal-ħruġ.

2. Ċertifikat ta' awtenticità għandu jitqies li ġie debitament iffirmat jekk jispeċifika d-data u l-post tal-ħruġ u jkollu t-timbru ta' l-awtorità tal-ħruġ u l-firma tal-persuna jew persuni awtorizzati jiffirmawh.

It-timbru jista' jkun sostitwit fuq iċ-ċertifikat oriġinali ta' awtenticità u l-kopji tiegħu permezz ta' siġill stampat.

Artikolu 5

1. Iċ-ċertifikati ta' awtenticità għandhom ikunu validi għal tliet xhur mid-data tal-ħruġ.

Madankollu, iċ-ċertifikati ma jistgħux jiġu preżentati lill-awtorità kompetenti nazzjonali wara t-30 ta' Ġunju wara d-data tal-ħruġ.

2. L-oriġinal taċ-ċertifikat ta' awtenticità mħejji skond l-Artikoli 3, 4 u 6 flimkien ma' kopja tiegħu għandhom ikunu ppreżentati lill-awtorità kompetenti nazzjonali flimkien ma' l-applikazzjoni għall-ewwel liċenza ta' importazzjoni li tirrigwarda ċ-ċertifikat ta' awtenticità.

L-oriġinal taċ-ċertifikat ta' awtenticità għandu jinżamm millawtorità kompetenti nazzjonali.

Ċertifikat ta' awtenticità jista' jintuża għall-ħruġ ta' iktar minn liċenza ta' importazzjoni waħda għal total li ma jaqbiżx il-kwantità murija fuq iċ-ċertifikat. Meta tinħareġ iktar minn liċenzja waħda rigward ċertifikat, l-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tiffirma ċ-ċertifikat ta' awtenticità biex turi l-kwantità attribwita.

L-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu joħorġu liċenzi ta' importazzjoni biss wara li jkunu sodisfatti li l-informazzjoni kollha fuq iċ-ċertifikat ta' awtenticità tikkorrispondi ma' dik li tkun irċeviet kull ġimgħa mill-Kummissjoni fuq is-suġġett. Il-liċenzi ta' importazzjoni għandhom jinħarġu immedjatament wara.

3. Minkejja r-raba' subparagrafu tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu, f'każijiet eċċezzjonali u b'applikazzjoni debitament raġunata, joħorġu liċenzi ta' importazzjoni fuq bażi taċ-ċertifikati rilevanti ta' awtenticità qabel ma l-informazzjoni tkun riċevuta mill-Kummissjoni. F'każijiet bħal dawn, il-garanzija għall-liċenzi ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(1) għandha tkun ta' ECU 50 għal kull 100 kg ta' piż nett. Wara li jirċievu l-informazzjoni li għandha x'taqsam maċ-ċertifikat, l-Istati Membri għandhom jissostitwixxu l-garanzija b'dik ta' ECU 12 għal kull 100 kg ta' piż nett imsemmija fl-Artikolu 11(1).

Artikolu 6

1. Lawtorità tal-ħruġ għandha:

(a) tkun rikonoxxuta bħala tali mill-Arġentina;

(b) tobbliga ruħha li tiċċekkja l-partikolaritajiet fuq iċ-ċertifikat ta' awtenticità;

(ċ) tobbliga ruħha li tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, fuq talba, bi kwalunkwe informazzjoni li tagħmilha possibbli li ssir valutazzjoni taċ-ċertifikati ta' awtenticità.

2. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-Anness II jekk awtorità tal-ħruġ ma tibqax rikonoxxuta jew tonqos milli twettaq xi wieħed mill-obbligi tagħha jew jekk tinħatar awtorità ta' ħruġ ġdida.

Artikolu 7

Sabiex wieħed jikkwalifika għall-arranġamenti ta' importazzjoni msemmija fl-Artikolu 1(3)(b):

(a) l-applikanti għandhom ikunu persuni fiżiċi jew legali li, fiż-żmien li ssir l-applikazzjoni, kienu għal mill-inqas 12-il xahar involuti fil-kummerċ taċ-ċanga u/jew vitella bejn l-Istati Membri jew ma' pajjiż terz u li huma reġistrati fl-Istat Membru għal raġunijiet ta' VAT;

(b) l-applikazzjoni għall-liċenza magħmula mill-applikant tista' ssir għal massimu ta' 80 tunnellata;

(ċ) il-pajjiż ta' l-oriġini għandu jkun indikat fl-artikolu 8 ta' l-applikazzjonijiet għall-liċenza u tal-liċenzi infushom;

(d) l-artikolu 20 ta' l-applikazzjonijiet għall-liċenza u l-liċenzi infushom għandu jkollhom in-notamenti li ġejjin:

— Músculos del diafragma y delgados [Reglamento (CE) nº 996/97]

— Mellemgulv (forordning (EF) nr. 996/97)

— Saumfleisch (Verordnung (EG) Nr. 996/97)

— Διάφραγμα [κανονισμός (ΕΚ) αριθ. 996/97]

— Thin skirt (Regulation (EC) No 996/97)

— Hampe [règlement (CE) nº 996/97]

— Pezzi detti "hampes" [regolamento (CE) n. 996/97]

— Omloop (Verordening (EG) nr. 996/97)

— Diafragma [Regulamento (CE) nº. 996/97]

— Kuveliha (asetus (EY) N:o 996/97)

— Mellangärde (förordning (EG) nr 996/97).

Artikolu 8

1. L-applikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 għandhom jiġu sottomessi, għand l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li fih l-applikant huwa reġistrat, biss matul l-ewwel 10 ijiem ta' kull sena ta' importazzjoni. Jekk applikant jagħmel iktar minn applikazzjoni waħda, l-ebda applikazzjoni ma għandha tkun ikkunsidrata.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, fl-10 ġurnata ta' xogħol wara tmiem il-perijodu li fih għandhom isiru l-applikazzjonijiet, bil-kwantità totali koperta bl-applikazzjonijiet.

Dik in-notifika għandha tkopri l-lista ta' applikanti u l-pajjiżi ta' l-oriġini indikati. In-notifiki kollha, inklużi l-prospetti 'nil', għandhom isiru qabel l-4 p.m. fil-ġurnata stipulata.

3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi malajr kemm jista' jkun sa fejn l-applikazzjonijiet jistgħu jiġu aċċettati. Jekk il-kwantitajiet li għalihom issir applikazzjoni għal liċenza jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli, il-Kummissjoni għandha tiffissa perċentwali ta' riduzzjoni singola biex tkun applikata għall-kwantitajiet li għalihom issir applikazzjoni.

4. Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-aċċettazzjoni ta' l-applikazzjonijiet, il-liċenzi għandhom jinħarġu malajr kemm jista' jkun.

Artikolu 9

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jgħoddu r-Regolamenti (KEE) Nru 3719/88 u (KE) Nru 1445/95.

2. B'deroga mill-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, id-dazju ta' importazzjoni kollu li hemm fit-Tariffa Doganali Komuni għandu jkun imħallas fuq kwantitajiet li jaqbżu dawk imsemmija fil-liċenzi ta' importazzjoni.

3. It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 ma għandux jgħodd.

4. B'deroga mill-Artikolu 33(3)(b) (ii) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88, iż-żmien massimu permess bex tingieb prova ta' importazzjoni b'telf ta' 15 % biss tal-garanzija għandu jkun ta' erba' xhur.

Artikolu 10

1. Mhux aktar tard minn tliet ġimgħat wara l-importazzjoni tal-prodott speċifikat f'dan ir-Regolament, l-importatur għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti nazzjonali li tkun ħarġet il-liċenza ta' importazzjoni l-kwantità u l-oriġini tal-prodott importat. Dik l-awtorità għandha tagħddi l-informazzjoni lill-Kummissjoni fil-bidu ta' kull xahar.

2. Mhux aktar tard minn erba' xhur wara tmiem l-ewwel nofs ta' kull sena ta' importazzjoni, l-awtorità kompetenti nazzjonali għandha tinnotifika lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 1 li għalihom intużaw il-liċenzi ta' importazzjoni matul in-nofs sena ta' importazzjoni preċedenti, u dawn il-kwantitajiet għandhom ikunu mqassma skond il-pajjiż ta' l-oriġini.

Artikolu 11

1. Meta tiġi sottomessa applikazzjoni għal liċenza ta' importazzjoni, l-importaturi għandhom jagħtu garanzija li tkopri l-liċenza ta' importazzjoni ta' ECU 12 għal kull 100 kilogramma tal-prodott, minkejja l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1445/95, u garanzija biex tkopri n-notifika lill-awtorità kompetenti nazzjonali ta' l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament ta' ECU 1 għal kull 100 kilogramma tal-prodott.

2. Il-garanzija rigward in-notifika għandha tinħeles jekk l-informazzjoni tiġi mgħoddija lill-awtorità kompetenti nazzjonali fi żmien il-perijodu speċifikat fl-Artikolu 10(1) għall-kwantità koperta minn dik in-notifika. Inkella, il-garanzija tintilef.

Deċiżjoni biex tinħeles dik il-garanzija għandha tittieħed fl-istess ħin ma' dik biex tinħeles il-garanzija li tkopri l-liċenza.

Artikolu 12

Dan ir-Regolament jibda jseħħ fl-1 ta' Lulju 1997.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Ġunju 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

1. Esportatur (isem u indirizz)	2. Nru. taċ-Ċertifikat	**ORIĠINAL**
	3. Awtorità tal-ħruġ	
4. Kunsinnatarju (isem u indirizz)		
6. Mezz ta' trasport	**5. ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITÀ ĊANGA U VITELLA** Falda rqiqa	

7. Marki, numri, għadd u tip ta' pakki; deskrizzjoni tal-merkanzija	8. Piż gross (kg)	9. Piż nett (kg)

10. Piż nett (fi kliem)

11. ĊERTIFIKAZZJONI MILL-AWTORITÀ TAL-ĦRUĠ

B'dan niċċertifika li l-falda rqiqa deskritta f'dan iċ-ċertifikat hi konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet moghtija fl-Artikolu 1(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 996/97 fil-limitu preskritt fl-Artikolu 1(3)(a) ta' dak ir-Regolament u li toriġina mill-Arġentina.

Post: Data:

Firma u timbru (jew siġill stampat)

Għandha timtela' bit-typewriter jew b'ittri kbar kbaryomtatott betukkel kell kiċċlteni

L-ANNESS II

LISTA TA' L-AWTORITAJIET FL-ARĠENTINA AWTORIZZATI JOĦORĠU ĊERTIFIKAT TA' AWTENTIĊITÀ

SECRETARÍA DE AGRICULTURA, GANADERÍA Y PESCA

għal falda rqiqa li toriġina fl-Arġentina kif speċifikat fl-Artikolu 1(3)(a).